**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 04 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 532/2016 AF**

**George Briffa**

**vs**

**Michael Chetcuti**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' George Briffa, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

L-esponent huwa kreditur tal-intimat Michael Chetcuti fis-somma ta' tnejn u ghoxrin elf - €22,000 – u dan skond skrittura privata datata 3 ta' Gunju, 2015 debitament iffirmata quddiem in-Nutar Malcolm Mangion.

L-ammont hu cert, likwidu u dovut u r-rikorrent attur ihoss li l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talbiet tieghu.

Ghalkemm interpellat kemm il-darba biex ihallas din is-somma hu mhux biss baqa' u qed jibqa' inadempjenti imma qed jara

kif jaghmel biex ma jonorax l-obbligi tieghu: Dok. "A", "B" u "C".

Jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tilqa' t-talba attrici u taghi sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 *et sequitur* tal-kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf - €22,000 – Ewro liema obbligu ta' hlas jirrizulta mill-ftehim privat li gie redatt fit-3 ta' Gunju, 2015 quddiem in-Nutar Dr. Malcolm Mangion.

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas l-istess somma ta' tnejn u ghoxrin elf - €22,000 – Ewro kif debitament redatt u spjegat.

4. Bl-ispejjez u imghax legali ta' 8% mid-data tal-ftehim sad-data tal-pagament effettiv inkluz taz-zewg ittri bonarji u ta' ittra ufficcjali taht 166A.

L-intimat huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' ammissjoni ta' Michael Chetcuti.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, tilqa' t-tieni talba kif dedotta, tilqa' t-tielet talba kif dedotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Michael Chetcuti.

IMHALLEF

DEP/REG